*f'liema ċirkostanzi għandha ssir likwidazzjoni* arbitrio boni viri -

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 1/2023 LM

**Alfreda Licari (K.I. nru. 71941M)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Thomas Bartolo**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Alfreda Licari (K.I. nru. 71941M)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fit-2 ta'

Marzu, 2023, li permezz tagħha t-Tribunal laqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u l-eċċezzjonijiet tal-intimat **Thomas Bartolo** [hawnhekk 'l-appellat'], b'dan illi ordna lill-intimat iħallas is-somma ta' €600 lir-rikorrenti. It-Tribunal ordna li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha tal-proċeduri li saru quddiemu.

**Fatti**

2. Ir-rikorrenti resqet quddiem it-Tribunal b'talba għall-kundanna tal-intimat għall-ħlas tas-somma ta' €4,300 wara xogħol li l-intimat għamel fir-residenza tagħha, liema xogħol ir-rikorrenti tgħid li ma tkompliex, u x-xogħol li kien laħaq sar ma kienx skont is-sengħa u l-arti. Ir-rikorrenti spjegat il-ħsara li l-intimat ikkaġuna fil-proprjetà tagħha. Ir-rikorrenti xehdet li hija kienet tħallas lill-intimat qabel kull biċċa xogħol li kellu jagħmel, u fil-bidu hija kienet kuntenta bix-xogħol tiegħu, iżda kien hemm żmien meta hija ma setgħetx tibqa' tidħol tara x-xogħol minħabba fl-inġenji li tħallew mill-intimat. Qalet ukoll li x-xogħol ta' kisi li sar mill-intimat waqa' kollu.

3. L-intimat ħa l-pożizzjoni li d-danni pretiżi mir-rikorrenti mhumiex dovuti, u dan għaliex filwaqt li huwa kien għaddej bix-xogħlijiet fil-proprjetà tagħha, hija kienet tħallsu f'ammonti żgħar wara kull biċċa xogħol li jlesti, u għalhekk kienet tispezzjona x-xogħol u tara li jogħġobha qabel tħallas. L-intimat qal li għalhekk ma jistax ikun li r-rikorrenti ma kinitx sodisfatta bix-xogħol imwettaq minnu.

## **Id-Deċiżjoni Appellata**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-2 ta' Marzu, 2023, it-Tribunal iddeċieda li jilqa' *in parte* it-talba tar-rikorrenti u l-eċċezzjonijiet tal-intimat, ikkundanna lill-intimat iħallas is-somma ta' €600 lir-rikorrenti, u ordna li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Konsiderazzjonijiet*
>
> *Fl-ewwel lok dan it-Tribunal irid jara jekk it-talba mitluba jew kwalsiasi kumpens huwiex ġustifikat. L-inkwirenti apparti x-xhieda tal-partijiet għandu quddiemu rapport ta' perit* ex parte *li però ma ġiex kontradett minn ebda eżami professjonali ieħor għajr għax-xhieda tal-istess intimat;*
>
> *Jidher mix-xhieda prodotta li l-ammont ta' kumpens mitlub mir-rikorrenti hu wieħed eċċessiv fiċ-ċirkostanzi u skont il-provi prodotti, għalkemm ħarġu xi konsenturi, dawn jistgħu kienu kawża ta' dak li qal l-intimat u ċioe minħabba li ma kienx tbaqqan il-ħajt qabel sar it-tikħil, kif ukoll minħabba illi l-bini seta' jkompli jistrieħ;*
>
> *Jingħad illi jekk effettivament l-intimat kien qal lir-rikorrenti biex ibaqqan il-ħajt qabel isir it-tikħil u r-rikorrenti allegatament kienet kuntrarja għal dan minħabba li kienet mgħaġġla, l-intimat imissu ta dan il-parir bil-miktub u r-rikorrenti tiffirma illi hi ma kinitx qed tieħu dan il-parir minn qabel u mhux wara li jinqalgħu l-problemi;*
>
> *Għalhekk fl-opinjoni tat-Tribunal, l-intimat għandu jagħti kumpens, li għandu jitħallas mill-intimat lir-rikorrenti fl-ammont ta' €600 (sitt mitt euro), li qed jiġi stabbilit* ex aequo et bono;
>
> *Decide*
>
> *Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, wara li sema' x-xhieda kollha u wara li ħa konjizzjoni tal-provi kollha u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa'* in parte *t-talba tar-rikorrenti u l-eċċezzjonijiet tal-intimat, b'dan illi l-intimat Thomas Bartolo għandu jħallas lir-rikorrenti Alfreda Licari s-somma ta' €600 (sitt mitt euro). It-Tribunal jordna illi kull parti għandha tħallas l-ispejjeż rispettivi ta' dawn il-proċeduri."*

## L-Appell

5. Ir-rikorrenti ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha minn din id-deċiżjoni fil-21 ta' Marzu, 2023, fejn talbet lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma d-deċiżjoni tat-Tribunal billi tikkonfermaha in kwantu ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimat Thomas Bartolo[1], u tikkonfermaha wkoll fejn laqgħet it-talbiet tar-rikorrenti, b'dan illi għandha tirriforma l-parti fejn saret il-likwidazzjoni tad-danni sofferti, u tgħaddi biex tiddikjara u tiddeċiedi li d-danni sofferti mir-rikorrenti jammontaw għal ammont ta' mhux inqas minn €4,310 jew somma oħra verjuri. Ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti tirriforma wkoll il-parti tad-deċiżjoni fejn saret l-allokazzjoni tal-ispejjeż, billi tordna li l-ispejjes għandhom jitħallsu mill-appellat.

6. L-appellanta qalet li fil-fehma tagħha t-Tribunal m'għamilx apprezzament korrett tal-fatti u tal-provi, u mid-deċiżjoni mogħtija jirriżulta li t-Tribunal m'aċċettax il-fatt li x-xogħol li għamel l-appellat ma sarx skont is-sengħa u l-arti. L-appellanta qalet li min-naħa tagħha hija kellha tingaġġa ħaddiema oħra sabiex jirranġaw ix-xogħol li sar mill-appellat. Qalet li hija ppreżentat kopji taċ-ċekkijiet bankarji, kif ukoll kopja tal-*bank statement* li juru l-ammonti li hija ħallset lill-appellat fis-somma ta' €4,150, u dan l-ammont jirriżulta li tnaqqas mill-kont tagħha wara li l-appellat sarraf dawn iċ-ċekkijiet. L-appellanta ppreżentat ukoll kopja tar-rapport tal-perit *ex parte* Etienne Magri, minn fejn għandu jirriżulta li x-xogħol li sar mill-appellat ma kienx skont is-sengħa u l-arti. L-istess Perit ikkonferma li x-xogħol li għamel l-appellat kellu jerġa' jsir mill-ġdid.

---

[1] Fil-verità it-Tribunal laqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat parzjalment.

7. L-appellanta qalet li l-appellat ippreżenta nota fl-atti tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, fejn iddikjara li ma kienx hemm il-ħtieġa li t-Tribunal jinkariga perit ieħor sabiex jagħmel spezzjoni u jirrapporta fuq l-istat tal-fond tal-appellanta, u li huwa kien qiegħed jistrieħ fuq ir-rapport tal-perit *ex parte* li kien inkarigat mill-appellanta. L-appellanta qalet ukoll li t-Tribunal kien konsapevoli tal-fatt li r-rapport tal-perit inkarigat minnha ma ġie kontradett minn l-ebda eżami professjonali ieħor, għajr għax-xhieda tal-appellat. L-appellanta qalet li minkejja dan, it-Tribunal wasal għall-konklużjoni li l-ammont ta' kumpens mitlub minnha huwa wieħed esaġerat, u kkonsidra li minkejja li ħarġu xi konsenturi, dawn setgħu kienu kawża tal-fatt li l-ħajt ma tbaqqanx qabel ma sar it-tikħil, jew għaliex il-bini kompla jistrieħ. L-appellanta qalet li mhuwiex ġust li t-Tribunal jistrieħ fuq suppożizzjonijiet u mhux fuq dak li seħħ.

8. L-appellanta qalet li ma nġabet l-ebda prova mill-appellat li x-xogħol sar skont is-sengħa u l-arti, u jirriżulta li t-Tribunal ma ħax konsiderazzjoni tar-rapport peritali redatt mill-perit inkarigat minnha. Qalet ukoll li dan ir-rapport huwa l-aktar prova ċara, li lanqas biss ġiet ikkontestata mill-appellat, li x-xogħol li l-appellat ġie ingaġġat biex jagħmel, ma sarx skont is-sengħa u l-arti.

9. L-appellanta għamlet riferiment għall-parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal fejn intqal li jekk l-appellat ta parir lill-appellanta biex jitbaqqan il-ħajt, u hija ma riditx tagħmel dan, il-parir messu sar bil-miktub, sabiex l-appellat ikun kopert minn qabel u mhux wara li jinqalgħu l-problemi. L-appellanta qalet li dan juri li t-Tribunal straħ biss fuq ix-xhieda mogħtija mill-partijiet, u r-rapport peritali *ex parte* ppreżentat minnha, ġie skartat għal kollox.

10. L-appellanta żiedet tgħid li l-likwidazzjoni tal-kumpens li għandu jitħallas lilha fl-ammont ta' €600 mhuwiex ġust għaliex it-Tribunal ma ta l-ebda spjegazzjoni dwar kif wasal għal dan l-ammont, speċjalment meta hija ressqet provi dwar l-ammont li tħallas minnha lill-appellat. L-appellanta għamlet riferiment għal sentenzi tal-Qrati tagħna li jgħidu li l-likwidazzjoni *arbitrio boni viri* ssir meta jkun diffiċli għall-attur li jipprova b'mezz ordinarju, id-danni effettivament sofferti, meta dan mhuwiex il-każ hawnhekk.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

11. Fir-risposta tiegħu l-appellat qal li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija ekwa u ġusta, u għandha tiġi kkonfermata. Qal li fir-rapport tiegħu, il-Perit Magri naqas milli jsemmi x-xogħlijiet li l-appellat għamel fid-dar tal-appellanta, fosthom it-twaqqigħ tal-konkos ħażin mis-saqaf, l-ixkatlar tax-xibka, l-għoti ta' passata Sika, it-tindif tax-xorok tal-kamra tal-banju u l-indurar tal-fili, kif ukoll l-irtokk tal-kuritur tat-tliet sulari fid-dar tal-appellanta. Qal li dan ix-xogħol ma nġabx għall-konjizzjoni tal-Perit Magri għaliex dan aċċeda fuq il-post wara li x-xogħol kien tlesta. Qal li huwa għamel ħafna xogħol fil-fond tal-appellanta, u għal dan ix-xogħol għandu jitħallas. Qal li kien għalhekk li t-Tribunal illikwida l-ammont ta' kumpens li għandu jitħallas lill-appellanta *ex aequo et bono.*

12. L-appellat spjega li l-parti l-kbira tax-xogħol li sar minnu fid-dar tal-appellanta u li għalih ħa ħafna ħin, ma kienx dak tat-tikħil u t-tibjid li jikkritika l-Perit Magri fir-rapport tiegħu, iżda t-twaqqigħ tal-konkos ħażin mis-saqaf, partikolarment fiż-żewġt ikmamar tal-banju, it-tindif tax-xorok miż-żebgħa l-

antika li kien fihom, u l-irfinar tal-fili kollha tal-istess xorok, u l-irtokk tal-kuritur fuq tliet sulari. Qal li dan ix-xogħol kollu li sar, inkesa u tbajjad, b'tali mod li l-Perit Magri ma jistax issa jikkummenta dwaru. Qal ukoll li l-appellanta qatt ma qalet li dan ix-xogħol ma sarx. L-appellat qal li għalhekk it-Tribunal mexa b'mod għaqli fid-deċiżjoni tiegħu meta kkonsidra x-xogħol "moħbi" mwettaq minnu.

13. L-appellat qal li s-somma pretiża mill-appellanta ta' €4,300, tinkludi wkoll ħsara li din allegatament sofriet waqt li huwa kien qiegħed jaħdem għandha. Qal li l-appellanta naqset li tipproduċi provi, inkluż provi fotografiċi, li din il-ħsara seħħet tabilħaqq. Qal ukoll illi li kieku huwa minnu li l-appellanta sofriet ħsara fi ħwejjiġha, din kienet tnaqqas il-flus għal tali ħsara mill-ħlas dovut lilu.

14. Finalment l-appellat qal li imkien ma ġie ppruvat li l-appellanta kellha tingaġġa u tħallas ħaddiema oħra biex jagħmlu x-xogħol li kien għamel l-appellant. Qal ukoll li d-deċiżjoni tat-Tribunal tagħmel riferiment għar-rapport tal-Perit Magri diversi drabi, u għalhekk dak sottomess mill-appellanta li t-Tribunal injora dak li jgħid ir-rapport tal-perit *ex parte,* mhuwiex minnu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

15. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanta, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mill-appellat, u tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

*L-ewwel aggravju:* *[it-Tribunal m'għamilx apprezzament korrett tal-fatti u tal-provi]*

16. L-appellanta tikkontendi li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra uħud mill-provi mressqa minnha, partikolarment tal-konklużjoni li wasal għaliha l-perit *ex parte* fir-rapport tiegħu, li x-xogħol li sar mill-appellat ma kienx skont is-sengħa u l-arti. L-appellanta tgħid li hija ressqet diversi provi sabiex turi kemm kien l-ammont li tħallas l-appellat għax-xogħol li għamel, filwaqt li ppreżentat ukoll kopja ta' rapport peritali li jirrakkomanda li x-xogħol li għamel l-appellat isir mill-ġdid.

17. Il-Qorti tirrileva li l-perit *ex parte,* li ma kien kontradett minn ebda professjonist ieħor, fir-rapport tiegħu għamel diversi konstatazzjonijiet dwar il-kwalità ħażina tax-xogħol li għamel l-appellat. Ir-rapport tal-Perit Magri huwa akkumpanjat minn sensiela ta' ritratti li juru li dak li ġie kkonstatat mill-perit huwa kollu minnu, partikolarment rigward il-mod kif it-tikħil u l-kisi li sar inqata' minn mal-binja, dwar il-mod kif il-kisi u ż-żebgħa farfru minn mal-faċċata, u li dan seħħ minħabba li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti. Il-Perit Magri fir-rapport tiegħu spjega l-importanza u l-urġenza li x-xogħol isir mill-ġdid sabiex tiġi evitata aktar ħsara fuq il-proprjetà. L-appellat fir-risposta tiegħu jgħid li fil-fond tal-appellanta huwa għamel ħafna xogħol aktar minn tibjid u kisi, u huwa għandu dritt jitħallas għal dan ix-xogħol. Iżda jidher ċar mir-ritratti esebiti mar-rapport, li x-xogħol li sar fil-parti interna tal-fond ma jistax jitqies li huwa komplut, u anki fejn sar xogħol ta' tikħil fuq is-saqaf fil-parti ta' ġewwa tal-fond, ix-xogħol sar b'negliġenza, b'ħafna titjir mal-ħitan u fi stat li ma jistax jitqies li huwa aċċettabbli. Deher evidenti wkoll li l-appellanta kien ser ikollha tingaġġa lil xi ħadd ieħor, jekk ma kienetx diġà għamlet dan, biex ineħħi x-xogħol ħażin li

għamel l-appellat, u jagħmel ix-xogħol meħtieġ mill-ġdid. L-appellat jipprova jargumenta wkoll li kienet l-appellanta li ma riditx li l-ħajt jitbaqqan qabel jinkesa, u li aktarx huwa għalhekk li ż-żebgħa tfarfret u nqatgħet minn mal-binja. Anki li kieku verament ġara dan, l-appellat kellu l-obbligu li ladarba kien jaf x'kien ser jiġri f'każ li huwa ma jagħmilx ix-xogħol kif suppost, li jirrifjuta li jaħdem. Li ġara f'dan il-każ kien li l-appellat, li huwa bniedem tas-sengħa, aċċetta li jagħmel xogħol mhux kif titlob is-sengħa u l-arti tal-mestier tiegħu, tħallas għalih, u issa qiegħed jippretendi li l-ħsara li żviluppat fix-xogħol li sar minnu m'għandux iwieġeb għaliha. Di più huwa jinsisti li għandu jedd jitħallas għax-xogħol li għamel. Il-Qorti tqis li jirriżulta mir-rapport tal-perit *ex parte* u mir-ritratti annessi miegħu, li l-istat li tħalla fih il-fond wara x-xogħlijiet li saru mill-appellat, mhuwiex aċċettabbli, u għalhekk ikun ekwu u ġust li l-appellat jirrifondi l-flus kollha li ħallsitu l-appellanta, fl-ammont ta' €4,150, kif jirriżulta mill-*bank statements* esebiti.

*It-tieni aggravju:* *[il-likwidazzjoni tal-kumpens]*

18. L-appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata wkoll għaliex it-Tribunal fil-konklużjoni tiegħu, ma jispjegax kif wasal għal-likwidazzjoni *ex aequo et bono* li għamel ta' €600, meta mill-provi għandu jirriżulta li l-appellanta ressqet provi suffiċjenti sabiex turi kemm huwa l-ammont tad-danni sofferti minnha. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti

Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **Kevin Vella *vs.* David Briffa**[2], dwar f'liema ċirkostanzi għandha ssir likwidazzjoni *arbitrio boni viri*:

> *"Huwa daqshekk ieħor stabbilit illi likwidazzjoni ta' danni* arbitrio boni viri *hija mistennija u f'waqqitha meta jkun diffiċli għall-attur li jipprova b'mezz ordinarju, id-danni effettivament sofferti – Vide* ***Joseph Attard vs Direttur Ġenerali tas-Saħħa,*** *Qorti tal-Appell deċiża fit-30 ta' Mejju, 2014.*
> *...*
> *F'każ ta' likwidazzjoni* arbitrio boni viri *il-Qorti hija tenuta tagħti motivazzjoni tal-kriterju tal-apprezzament prudenti li juri l-likwidazzjoni tal-*quantum debeatur *– Vide sentenza Vol. XXIX Part I paġna 1285;* ***Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Company Limited*** *deċiża fit-13 ta' Ottubru, 2004 per Onor. Imħallef Dr Philip Sciberras."*

19. Il-Qorti tosserva li t-Tribunal naqas milli jispjega b'liema mod wasal għal-likwidazzjoni ta' €600, meta huwa ċar li l-appellanta ħarġet ferm aktar flus minn hekk biex tħallas lill-appellat tax-xogħol tiegħu. Il-Qorti tqis li ladarba huwa evidenti mir-ritratti annessi mar-rapport tal-perit *ex parte*, li x-xogħol li sar mill-appellat ma sarx skont is-sengħa u l-arti, u li x-xogħol mhuwiex komplut, l-appellat kellu jiġi kkundannat irodd lura l-flus kollha li ħallsitu l-appellanta, jiġifieri l-ammont ta' €4,150.

20. Fil-każ odjern ma kienx hemm il-ħtieġa ta' likwidazzjoni ekwitattiva mit-Tribunal, għaliex l-appellanta ġabet prova tal-flus li tħallsu inutilment minnha. Il-Qorti tqis li jkun ġust u ekwu li l-appellat jintalab iħallas il-flus kollha li tħallsu lilu mill-appellanta, ladarba jirriżulta li x-xogħol li sar minnu ma sarx skont is-

[2] 7.10.2015.

sengħa u l-arti, jew inkella ma tlestiex b'mod komplut, u hemm il-ħtieġa li jsir mill-ġdid.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell tal-appellanta billi tilqgħu, u tirriforma dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn saret il-likwidazzjoni tad-danni sofferti, u tgħaddi sabiex tiddikjara u tiddeċiedi li d-danni sofferti mir-rikorrenti jammontaw għal erbat elef, mija u ħamsin Euro (€4,150), u tordna lill-appellat iħallas l-imsemmi ammont lill-appellanta.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell u tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom ikunu a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**